BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

22 ta` Jannar 2014

**ĦARĠA NRU 10/2013**

**OTTUBRU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar t'Ottubru 2013.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

F'Ottubru, id-depożiti fi ħdan l-M3 ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€206.2 miljun, jew bi 2.2%, fuq ix-xahar ta' qabel (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti aċċellerat għal 7.8% minn 6.1% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Bħalma ġara fix-xhur ta' qabel, iż-żieda fid-depożiti seħħet primarjament minħabba żieda fil-bilanċi tad-depożiti *overnight.* Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€206.1 miljun, jew bi 3.8%, minħabba żieda fil-bilanċi tas-setturi ekonomiċi kollha, partikolarment l-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek, il-kumpaniji mhux finanzjarji u l-individwi. Parzjalment, din iż-żieda turi l-fidi ta' żewġ ħarġiet ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta li seħħew matul ix-xahar.

Id-depożiti li jintrabtu sa sentejn żdiedu marġinalment b'€1.9 miljun, jew b'0.1%, hekk kif żieda fl-ammonti miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji kienet parzjalment megħluba minn tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet.

B'kuntrast, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur naqsu b'€1.7 miljun, jew b'1.5%, hekk kif naqsu l-bilanċi tal-individwi.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Ottubru, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta naqas b'€74.8 miljun, jew b'0.7%, fuq ix-xahar ta' qabel. Madankollu, il-kreditu sena fuq sena żdied b'€0.2 biljun jew b'1.8% (ara Grafika 2).

Matul ix-xahar, il-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali naqas bi €62.2 miljun, jew bi 2.3%, hekk kif żieda fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek kienet megħluba minn tnaqqis fil-portafolji tagħhom ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta f'konformità mal-fidi ta' żewġ ħarġiet ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta, kif issemma hawn fuq. F'termini annwali, il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'9.8%.

Sadattant, il-kreditu lil setturi oħra, li prinċipalment jinkludu individwi u kumpaniji mhux finanzjarji tas-settur privat, naqas bi €12.6 miljun, jew b'0.1% matul ix-xahar

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

t'Ottubru. Filwaqt li s-self mogħti lil individwi, primarjament għax-xiri tad-djar, żdied, is-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji, l-iktar dawk li joperaw fis-setturi tal-manifattura, tat-trasport u l-ħażna, u tal-kostruzzjoni, naqas. Fuq bażi annwali, il-kreditu lis-setturi l-oħra naqas b'0.4%.

### Assi barranin netti tal-IFM Maltin[1]

Fir-rigward tal-assi barranin netti tal-banek residenti, dawn naqsu b'€1.8 biljun, jew bi 15.1%, fuq ix-xahar ta' qabel, hekk kif tnaqqis sostanzjali fl-obbligazzjonijiet barranin kien akbar minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (ara Tabella 1). Iċ-ċaqliq kbir fl-assi u fl-obbligazzjonijiet barranin irreġistrat f'Ottubru rrifletta l-aktar it-transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta.

It-tnaqqis fl-assi barranin irrifletta l-aktar it-tnaqqis fis-self mogħti lil banek barranin. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont ta' depożiti ta' residenti barranin miżmuma ma' IFM residenti f'Malta. Fuq bażi annwali, l-assi barranin netti naqsu bi 18.9%, għall-kuntrarju ta' tnaqqis ta' 3.9% f'Settembru.

### Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Ottubru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha ta' individwi u ta' kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta baqgħet l-istess għat-tielet xahar konsekuttiv, jiġifieri 1.41%. Sadattant, ir-rata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin naqset b'punt bażi għal 4.29%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi inqas minn dik offruta sena qabel, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet żewġ punti bażi inqas.

### Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€283.0 miljun, jew bi 2.6%, f'Ottubru għal €11.3 biljun (ara Tabella 2). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 10.5% minn 8.3% x-xahar ta' qabel.

L-iżviluppi fl-M3 seħħew minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied bi €302.3 miljun, jew bi 2.8%. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 telgħet għal 10.5% minn 8.3% f'Settembru.

L-aggregat monetarju ristrett (M1), li huwa komponent maġġuri tal-M2, kiber b'€210.6 miljun, jew bi 3.3%, matul ix-xahar, minħabba żieda fid-depożiti *overnight* kif ukoll fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€209.4 miljun, jew bi 3.7%, l-aktar minħabba bilanċi ogħla ta' residenti, kif imsemmi qabel. Fl-istess waqt, il-flus

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.
[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

maħruġa żdiedu b'€1.2 miljun, jew b'0.2%. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 aċċellerat għal 13.8% minn 9.8% x-xahar ta' qabel.

Id-depożiti li jintrabtu sa sentejn, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, żdiedu bi €93.4 miljun, jew bi 2.2%, matul ix-xahar, l-aktar wara żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji. Min-naħa l-oħra, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur, jiġifieri l-kumplament tal-komponent monetarju intermedju (M2), naqsu b'€1.7 miljun, jew b'1.5%.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro żdied b'€111.2 miljun, jew b'0.7%, matul ix-xahar t'Ottubru. Iż-żieda seħħet kompletament minħabba l-kreditu mogħti lil residenti barra l-gvern ġenerali, li żdied b'€194.2 miljun, jew b'1.8%. Dan seħħ l-aktar minħabba żieda fl-ammonti miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Min-naħa l-oħra, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi €83.0 miljun, jew bi 2.0%, wara tnaqqis fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli tal-gvern. Kollox ma' kollox, il-kreditu naqas b'rata inqas mgħaġġla sena fuq sena b'4.1% f'Ottubru, għall-kuntrarju ta' tnaqqis ta' 6.5% f'Settembru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'€1.4 biljun, jew bi 11.6%. Dan irrifletta tnaqqis sostanzjali fl-assi barranin li seħħ minħabba tnaqqis fis-self mogħti l-aktar lil banek oħra barra ż-żona tal-euro. L-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin ukoll naqsu, għalkemm b'rata inqas mgħaġġla, minħabba tnaqqis fi ftehim għal xiri mill-ġdid. Fuq bażi sena fuq sena, il-kontroparti esterna kompliet tikber, iżda r-rata tat-tkabbir naqset għal 14.0%, minn 39.1% f'Settembru.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset b'€1.6 biljun, jew b'9.9%, matul ix-xahar. Dan irrifletta l-aktar it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal li prinċipalment irriżulta minn tnaqqis fl-ishma u kapital ieħor min-naħa ta' bank b'orjentament internazzjonali. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet tal-IFM lejn il-gvern ċentrali naqsu b'€119.6 miljun, hekk kif il-fidi ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta li seħħ matul ix-xahar wassal għal tnaqqis fid-depożiti tal-gvern mas-sistema bankarja. Min-naħa l-oħra, obbligazzjonijiet oħra (netti) żdiedu b'€183.2 miljun, jew b'5.2%. Dan irrifletta l-aktar it-transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u banek residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Ott-13 | Set-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Ott-13 | Set-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,496.8** | **9,290.6** | **206.2** | **2.2** | **8,812.6** | **7.8** | **6.1** |
| Depożiti *overnight* | 5,687.8 | 5,481.7 | 206.1 | 3.8 | 4,945.0 | 15.0 | 10.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 109.5 | 111.2 | -1.7 | -1.5 | 142.2 | -23.0 | -22.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,699.5 | 3,697.6 | 1.9 | 0.1 | 3,725.4 | -0.7 | 1.0 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,251.2** | **11,326.0** | **-74.8** | **-0.7** | **11,055.6** | **1.8** | **1.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,603.3 | 2,665.5 | -62.2 | -2.3 | 2,372.0 | 9.8 | 8.6 |
| Self lil setturi oħra | 8,647.9 | 8,660.4 | -12.6 | -0.1 | 8,683.6 | -0.4 | -0.4 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **9,854.1** | **11,604.8** | **-1,750.7** | **-15.1** | **12,147.8** | **-18.9** | **-3.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 43,262.2 | 45,128.3 | -1,866.1 | -4.1 | 42,818.6 | 1.0 | 2.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 33,408.1 | 33,523.5 | -115.4 | -0.3 | 30,670.8 | 8.9 | 5.4 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Ott-13 | Set-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Ott-13 | Set-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,639.1** | **6,428.5** | **210.6** | **3.3** | **5,832.7** | **13.8** | **9.8** |
| Flus maħruġa[(4)] | 762.4 | 761.2 | 1.2 | 0.2 | 715.8 | 6.5 | 5.9 |
| Depożiti *overnight*[(5)] | 5,876.6 | 5,667.3 | 209.4 | 3.7 | 5,116.9 | 14.8 | 10.4 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **11,134.1** | **10,831.8** | **302.3** | **2.8** | **10,071.6** | **10.5** | **8.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,639.1 | 6,428.5 | 210.6 | 3.3 | 5,832.7 | 13.8 | 9.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 109.6 | 111.3 | -1.7 | -1.5 | 144.0 | -23.9 | -23.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,385.4 | 4,292.0 | 93.4 | 2.2 | 4,094.9 | 7.1 | 7.2 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **11,336.8** | **11,053.8** | **283.0** | **2.6** | **10,262.1** | **10.5** | **8.3** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 11,134.1 | 10,831.8 | 302.3 | 2.8 | 10,071.6 | 10.5 | 8.3 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 202.7 | 222.0 | -19.3 | -8.7 | 190.5 | 6.4 | 9.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,038.5** | **14,927.3** | **111.2** | **0.7** | **15,687.4** | **-4.1** | **-6.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,020.7 | 4,103.6 | -83.0 | -2.0 | 3,617.7 | 11.1 | 7.5 |
| Self lil setturi oħra | 11,017.8 | 10,823.6 | 194.2 | 1.8 | 12,069.7 | -8.7 | -10.9 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,722.7** | **12,127.2** | **-1,404.5** | **-11.6** | **9,403.6** | **14.0** | **39.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 34,109.5 | 35,672.5 | -1,563.1 | -4.4 | 31,865.9 | 7.0 | 9.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,386.8 | 23,545.3 | -158.6 | -0.7 | 22,462.3 | 4.1 | -1.1 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,424.5** | **16,000.8** | **-1,576.2** | **-9.9** | **14,828.9** | **-2.7** | **10.5** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 571.9 | 691.5 | -119.6 | -17.3 | 560.2 | 2.1 | -26.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 10,123.1 | 11,763.0 | -1,639.9 | -13.9 | 12,573.6 | -19.5 | -5.9 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,729.6 | 3,546.4 | 183.2 | 5.2 | 1,695.1 | 120.0 | 246.7 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.